MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2004

Numru 729/2004

PULIZIJA
(SPETTUR YVETTE FARRUGIA)

VS

ANTHONY CUTAJAR

Illum, 28 ta' Ottubru, 2004.

Il-Qorti;

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Anthony Cutajar, ta' sebgha u ghoxrin sena iben Joseph u Doris nee Frendo, imwieled Pieta, Malta fit-3 ta' Jannar, 1977 u residenti fil-fond 'Coronation Flats", Flat 1, St. Monica Street, Pieta, Malta u detentur tal-karta tal-identita numru 426077 (M);

Talli nhar il-Hamis, 2 ta’ Settembru, 2004 ghall-habta tat-tlieta u nofs ta’ wara nofsinhar, minn gewwa l-bajja tal-Ghadira fil-Mellieha, ikkommetta serq ta’kamera tar-ritratti tal-marka Minolta, arlogg tal-idejn u wallet li fih kellu hamsa u erbghin (45) Euro u sbatax (17) –il lira Maltin u dan ghad-dannu ta’ Mark McConnor, liema serq hu aggravat bil-valur.

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, kkommetta serq ta’ diversi oggetti fosthom ‘mobile phone’ tal-marka Nokia u zewg nuccalijiet tax-xemx u tliet malji u dan ghad-dannu ta’ Catherine Dunn.

U aktar talli fl-istes data, lok, hin u cirkustanzi, xjentement laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda jew akkwistati b’reat jew xjentement b’kull mod li jkun ndahlu biex ibieghuhom jew imexxuhom.

U talli sar recidiv billi kiser il-kundizzjonijiet ta’ diversi sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati ta’ Malta liema sentenzi saru definittivi.

Ikkunsidrat;

Illi wara li rat id-dokumenti esebiti;

U semghet ix-xhieda kollha;

Rat l-ammissjoni bikrija tal-imputat;

Rat l-Artikoli 261, 267, 284, 285, u 289 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Illi dwar ir-reat ikkontemplat fl-akkuza odjerna, in vista tal-ammissjoni bikrija tal-imputat, ma hemmx aktar xi zzid fuq hekk. Jidher biss illi tali reat twettaq minhabba fil-bzonn immedjat ta’ flus li l-istess imputat kellu sabiex ikun jista’ jaqdi l-htiega ghad-droga. Ghaldaqstant, din il-Qorti qed issib lill-imputat hati tar-reat in ezami.

Ghall-finijiet ta’ piena, il-Qorti rat il-fedina penali tal-istess imputat, rat l-ammissjoni tieghu u r-rapport imhejji mill-

Ufficcjal tal-Probation Marietta Lanzon. Il-Qorti rat ukoll li l-istess imputat wera x-xewqa li jibda program ta' fejqan mill-vizzju tad-droga, u dan stqarru diversi drabi fil-Qorti.

Mill-fedina penali jidher li l-qorti tat-diversi opportunitajiet lill-imputat sabiex jirriabilita ruhu, izda dawn l-isforzi sfaw ghal xejn. Apparti l-fatt li l-ligi stess ma tippermettix li l-imputat jerga' jinghata piena mhux karcerarja, il-Qorti taqbel mal-Ufficcjal tal-Probation li fic-cirkustanzi tal-kaz, terminu ta' prigunerija ikun aktar addattat, sakemm dan it-terminu jkun jirrispekkja l-gravita' tar-reat u l-htigijiet tal-kura tal-imputat.

Ghal dawn il-motivi, wara li rat l-atti kollha, fuq ammissjoni tal-imputat issib lill-istess Anthony Cutajar hati tar-reati kif dedotti u tikkundannah ghal terminu ta' prigunerija ta' tmintax –il xahar, ezkluz iz-zmien li l-istess imputat diga ghadda f'arrest preventiv.

Tordna in oltre li, hekk kif ikun il-waqt opportuna, skond kif iccertifikaw l-Awtoritajiet koncernati, l-imputat jibda program residenzjali ghal kontra d-droga bi speranza li l-istess program itemmu b'success.

Tirrakkomanda ghaldaqstant lid-Direttur tal-Facilita' Korrettiva sabiex jipprovdi kull assistenza necessarja lill-imputat ghal dan l-istess ghan.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------